MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 502/2014

**Swatar M&B Limited (C-21809)**

**Vs**

**Christopher Drago (K.I. 411867M) u Maria Drago (K.I. 45969 M).**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici, pprezentat fit-28 ta' Lulju, 2014 li permezz tieghu ppremetta:

Illi bint l-intimati Rebecca Drago kienet tattendi l-iskola St. Martins College sas-sena elfejn u tlettax (2013).

Illi l-intimati naqsu milli jhallsu l-ammont dovut minnhom ta' erbat elef u erba' mija u tlettax-il ewro (€4,413) rapprezentanti tal-mizata tas-sena skolastika elfejn u tnax sal-elfejn u tlettax (2012/2013) flimkien mal-penali talli l-istess intimati naqsu milli jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-iskola li l-istess tifla msemmija hawn fuq, ma kienitx ser tibqa tattendi din l-iskola, u dan kif intrabtu li kellhom jaghmlu perrmezz tal-ftehim iffirmat mal-istess skola meta huma rregistraw lill-binthom.

Illi minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu dan l-ammont u sahansitra ntbghatu ittri legali lil intimati fis-17 ta' Marzu, 2014 u anke fis-7 ta' Mejju, 2014, li gew annessi u mmarkati bhala 'Dok A' u 'Dok B', l-intimati baqghu ma hallsux dan l-ammont dovut minnhom.

Illi l-'*invoices*' relattivi gew annessi u mmarkati bhala 'Dok C'.

Illi sabiex dan il-kaz jaqa' fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal, l-ammont mitlub gie ridott ghal tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u erba' centenzmi (€3,494.04c).

Ghaldaqstant is-Socjeta' esponenti umilment talbet lil dan it-Tribunal joghgbu:

Jiddikjara li l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u erba' centenzmi (€3,494.04c) huwa dovut mill-intimati lis-Socjeta' mittenti,

Jordna lill-intimati jhallsu l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u erba' centenzmi (€3,494.04c), flimkien mal-ispejjez ta' dawn il-proceduri u l-imghax mid-data tal-prezentanta ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-intimati li minn issa qed jigu 'ngunti in Subizzjoni.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-12 ta' Jannar, 2015 mis-Sur Joseph Grech, ghas-Socjeta' attrici, u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jippruvaw l-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u erba' centenzmi (€3,494.04c), kif ridott mill-istess Socjeta' attrici fl-Avviz tat-talba taghha pprezentat nhar it-28 ta' Lulju, 2014, u dan bl-ispejjez u bl-imghax legali skont kif mitlub fl-imsemmi Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------